MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 517/2010

**Il-Pulizija**

**(Spt. Anthony Agius)**

**Vs**

**Anthony Pisani**

**Illum 10 ta' Lulju, 2014,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala direttur tal-kumpanija Euro chemie Products Limited (C 5627) ghas-snin 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 u 2007 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500) u multa addizzjonali ta' sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija billi tehles lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti meta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ikkwotat t-tieni proviso ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 273(sic). Illi l-appellant qed jassumi illi dina l-Qorti riedet tirreferi ghat-tieni proviso tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 illi jghid :

"izda wkoll ir-reat taht dan l-artikolu jibqa` jezisti sakemm min jghamel ir-reat ikun ikkonforma ma w hares id-disposizzjonijiet ta' dan la-rtikolu jew ta' kull regola msemmija fih."

Illi ghall-fini tal-perjodu preskrittiv, m'huwiex korrett illi wiehed jargumenta, kif ghamlet l-Ewwel Qorti, li si tratta minn reat permanenti u ghaldaqstant, japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap. 9 (li ma ssemmiex mill-istess Qorti). Ir-reat in kwistjoni gie kkonsmat skond ir-regolament 15 tal-L.S. 372.14 fl-ahhar gurnata tax-xoghol tax-xahar li jigi minnufih wara dak ix-xahar li kien hallas l-emolumenti u huwa f'dan il-jum illi t-terminu preskrittiv jibda jiddekorri. Dana multo magis meta l-Kummissarju ghandu l-poter ai termini tar-regolament 15(3) tal-L.S. 372.14 illi jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' kwalunkwe rimessa billi "jiddeciedi skond l-ahjar fehma tieghu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqas li kellu jithallas mill-agaturu jinnotifikah b'avviz ta' nuqqas ta' tharis skond ir-regola 24 li bih jitolbu jhallas". Illi l-Kummissarju ma kellu l-ebda raguni ghaliex ma juzax il-poteri moghtija mill-ligi imma minflok, stenna ghaxar snin, qabel ma ressaq l-azzjoni kriminali. Ghaldaqstant, wiehed ma jistax jargumenta kif ghamlet l-Ewwel Qorti, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata minnha, illi kien fil-poter tal-imputat illi jittermina l-istat antiguridiku illi beda japplika wara l-iskadenza tat-terminu msemmi ghaliex il-Kummissarju kellu l-poteri kollha illi jittermina tali stat antiguridiku u naqas illi jiehu l-mizuri mehtiega ghal tali fini biex imbaghad, wara t-trapass ta' bosta snin, beda azzjoni kriminali. Tali azzjoni kriminali kellha tigi meqjusa preskritta wara t-trapass ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 u ghaldaqstant, il-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti hija zbaljata.

Illi fit-tieni lok il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi tghabbi lill-imputat b'responsabilita` legali ghal kwalunkwe allegat nuqqas da parti tal-kumpanija msemmija illi tibghat il-formoli tat-taxxi kif dedott fic-citazzjoni u dana peress illi ma ngabet l-ebda prova illi l-imputat kien fiz-zmien in kwistjoni, id-direttur tal-kumpanija "Euro Chemie Products Ltd". Illi galadarba l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi l-imputat kien direttur ta' din il-kumpanija, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali ma kienitx korretta meta sabet lill-imputat hati bil-mod kif sabitu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Eurochemi Products Limited u bejn is-snin elfejn (2000) u elfejn u sebgha (2007) naqas milli jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll naqas illi jinbghat il-Final Settlement System ai termini tal-imsemmi artikolu 23.

B'sentenza tad-19 ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€ 500) u multa addizzjonali ta' seba' ewro (€ 7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell li fiha tqajmet kwistjoni ta' preskrizzjoni kif ukoll in-nuqqas ta' prova illi l-appellant kien fil-fatt direttur tal-kumpanija Euro Chemi Products Limited.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, l-Qorti jidhrilha illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-istess data hija legalment korretta u hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza fid-9 ta' Dicembru 2011 "Il-Pulizija kontra Joseph Mary Debono" fejn iddikjarat illi r-reati kontemplati taht il-Kap 372 huma ta' natura permanenti u d-direttur jibqa' responsabbli ghal zmien indefinit sakemm jottempora ruhu mal-ligi. Ghalhekk, f'dan il-kaz il-preskrizzjoni ma tapplikax. Però permezz tal-verbal tal-5 ta' Gunju 2014 Jesmond Delmar in rapprezentanza tal-Kummissjoni tat-Taxxi Interni iddikjara illi l-Kummissarju ma kellux aktar interess f'din il-kawza peress illi l-appellant ghamel il-pagamenti kollha pendenti.

Ikkunsidrat:

B'dikjarazzjoni bhal din, jekk qatt kien hemm xi dubju illi l-appellant seta' ma kienx direttur tal-kumpanija imsemmija, dan id-dubju tnehha kompletament bil-pagamenti illi ghamel l-appellant lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni liema pagamenti saru qua direttur tal-kumpanija Euro Chemi Products Limited. Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba dik id-diskrezzjoni hlief fil-kundanna tal-multa giornaliera peress illi darba l-ammonti thallsu kollha mhux il-kaz illi dawn il-penali jibqghu "in vigore".

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet htija u ikkundannat il-multa izda tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ihallas rata giornaliera fin-nuqqas ta' osservazzjoni tal-ligi, peress li l-ammont dovut lill erarju hu sodisfatt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------